V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10040 — M Group Services/Skanska Infrastructure Services)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 6/12)

1. Fil-21 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— In-negozju tas-servizzi tal-infrastruttura ta' Skanska Construction UK Limited (Skanska Infrastructure Services, "SIS", ir-Renju Unit), finalment proprjetà ta' Skanska AB ("Skanska", l-Isvezja) u kkontrollat minnha,

— M Group Services Ltd ("M Group Services", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn PAI Partners SAS ("PAI", Franza).

M Group Services takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' SIS kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— SIS: servizzi ta' manutenzjoni tal-infrastruttura, kapaċitajiet ta' disinn u inġinerija ċivili fis-setturi tal-awtostradi, tat-tidwil tat-toroq u tal-ferroviji fir-Renju Unit,

— M Group Services: fornitur ta' diversi tipi ta' servizzi lill-utilitajiet regolati, is-setturi tat-telekomunikazzjoni u tat-trasport fir-Renju Unit, inklużi l-installazzjoni u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tan-network, il-metraġġ u s-servizzi tad-*data* relatati, u l-kostruzzjoni, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' toroq, ferroviji u infrastruttura oħra.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10040 — M Group Services/Skanska Infrastructure Services

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË